Diff: 10/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 223/02AJD**

**Tanti Philip et**

**vs**

**Demicoli Michael**

**Seduta mizmuma illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2002**

**Kenneth Grima prodott mill-atturi, bil-Malti, bil-gurament tieghu jghid:**

**Fit-3 ta' Frar 2001, jien kont qed insuq il-vettura tieghi bin-numru tar-registrazzjoni JOE 319 il-Furjana. Kont hiereg mill-Belt. Kont qieghed fuq il-fast lane u cioe fuq il-lane l-iktar vicin tas-**

**'central strip'. Kif wasalt hdejn il-Bombi, kont involut ma incident ma vettura ohra. Fuq il-lane ta' hdejja kien hemm van li jien hbadt mieghu.**

**L-attur, jien u s-sewieq tal-van li hbadt mieghu hrigna mill-vetturi rispettivi taghna sabiex naraw xi hsarat kellna. Sakemm qed nitkellmu smajna hoss ta' skidding. Malli smajt il-hoss tal-iskidjar li semmejt qabel, jien harist, rajt il-vettura tal-attur gejja fil-lane tal-van, cioe il-lane tan-nofs. Rajt din il-vettura tiskidja u rajt il-vettura tal-konvenut gej minn waraja u rajthom jahbtu.**

**Jien rajt il-vettura tal-konvenut Demicoli li kienet tal-marka Skoda diehla fil-vettura tal-attur li kienet tal-marka Opel Astra u imbghad lill-Opel Astra diehla fil-van. Nixtieq inzid ukoll illi il-vettura tal-attur u cioe l-Astra, kienet kwazi waqfet meta rajt il-vettura tal-konvenut u cioe l-Skoda diehla fiha u imbuttata fil-van. Il-hsara fuq in-naha ta' quddiem ta' l-vettura tal-attur kienet fil-bumper ta' quddiem u fl-indicator.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' Kenneth Grima dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**
**Traskrittur**